**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, it-Tlieta, sitta (6) ta' Mejju 2025

Kawża Nru 50/2024

**Il-Pulizija**

***(Spettur Keith Xerri)***

**Vs**

**Francesco Lo Monaco**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Francesco Lo Monaco**, iben Filippo u Salvatrice nee' Pannetti, imwieled l-Italja fit-tlettax (13) ta' Mejju 1971 u residenti ġewwa Seagull Court, Flat 2, Triq Ġuże' Cremona, Rabat Għawdex, detentur

tal-permess ta' residenza Maltija numru 226639(A) u detentur tad-dokument tal-identita' Taljana numru AU5328197 talli fid-disgħa (9) ta' Settembru 2024 u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-eResidence Unit, Pjazza San Franġisk, Rabat, Għawdex, u/jew f'inħawi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

(1) iffalsifika, ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jew iffalsifika partita fil-kotba ta' dak l-uffiċċju, bank jew stabbiliment ieħor, li jkollha x'taqsam mal-ħlas, oġġetti, depożiti, jew rahan, jew inkella l-falsifikazzjoni kienet tikkonsisti biss fil-ġira ta' ċeduli, poloz, ordnijiet jew dokumenti li jkunu veri, jew inkella għamel użu minn tali dokument iffalsifikat;[1]

(2) għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-istruttura jew fil-firem, li toħloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew li ddaħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella li żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, jew inkella għamel użu minn tali dokument iffalsifikat;[2]

---

[1] Artikoli 167(1)(2)(3) u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) meta kien fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;[3]

(4) sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz;[4]

(5) bil-ħsieb li jqarraq, kiser xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 jew tal-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għamel xi dikjarazzjoni falza, jew ta' xi tagħrif falz, jew ipproduċa xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet tal-Att dwar il-Karti tal-Identita' jew dokumenti oħra ta' Identita' (Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta), meta kien jaf li dak kien falz, jew iffalsifika dokument tal-identita' jew xi dokument ieħor ikun li jkun meħtieġ minn, jew maħsub għal xi wieħed mill-għanjiet tal-Att dwar il-Karti tal-Identita' jew dokumenti oħra ta' Identita' (Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta).[5]

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Ispettur Keith Xerri għall-Kummissarju tal-Pulizija;

[3] Artikoli 185(2) u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikoli 188(1) u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 24(1)(2)(a)(b)(ċ) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena.

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma brevement is-segwenti: nhar id-disgħa (9) ta' Settembru 2024, Ilona Masini fil-vesti tagħha ta' Senior Manager tal-eResidence Unit informat lill-Pulizija li ġewwa l-uffiċju tagħha kien hemm raġel suspettat li kien iffalsifika karta tal-identita' Taljana sabiex jkun jista' japplika għal eResidence card ġdida.

Il-Pulizija marru immedjatament fuq il-post fejn ingħataw aktar informazzjoni dwar l-identita ta' dan ir-raġel. Huwa ġie identifikat bħala Francesco Lo Monaco. Il-Pulizija ġew infurmati li l-falsifikazzjoni saret permezz ta' tibdil fid-data tal-ħruġ tal-karta tal-identita' Taljana billi s-sena 2013 ġiet mibdula għas-sena 2018 filwaqt li d-data ta' skadenza inbidlet mis-

sena 2023 għas-sena 2028. L-uffiċjali tal-eResidence Unit stqarrew li ndunaw b'dan it-tibdil peress li kellhom kopja tal-istess karta' tal-identita' li kienet ġiet ippreżentata mill-istess akkużat meta applika għal eResidence Permit. Il-Pulizija ipproċedew bl-arrest tal-imputat u eventwalment inbdew il-proċeduri odjerni.

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Għall-fini ta' piena l-Qorti sejra tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt li l-akkużat ammetta mal-ewwel opportunita li huwa kellu.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 167(1),(2),(3), 169, 183, 184, 185(2), 186, 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 24(1)(2)(a)(b)(ċ) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għal **<u>tlettax (13) -il xahar priġunerija</u>**, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9, **<u>qed jiġu sospiżi għal żmien tlett (3) snin mil-lum.</u>**

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9, jekk huwa

jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur